SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

**Laqgħa Nru. 29/K8/17**

Data tal-laqgħa:16 ta' Marzu 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.15 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
John Agius- Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Edgar Montanaro– Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)) – (0)**

**Assenti:**(1)

Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy informa lill-Kunsill li ma jistax jattendi. Huwa ser jibgħat ittra t'apoloġija.

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (1)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

29.1.01 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy informa lill-Kunsill li ma jistax jattendi. Huwa ser jibgħat ittra t'apoloġija.

**29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjonital-Minuti;**

29.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 28/K8/17 għall-approvazzjoni.

29.2.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro qajjem il-punt fir-rigward 28.3.01 sabiex minflok il-kliem kontra mandat ta' inibizzjoni tiġi risposta għal mandat ta' inibizzjoni.

29.2.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti bil-korrezzjoni li saru.

29.2.04 Il-Kunsiller Edgar Montanaro ssekondaha bil-korrezzjoni li saret.

29.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament

**Punti mqajma mill-Minuti**

29.2.07 Ma kien hemm l-ebda punti mqajma mill-Minuti.

**29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

29.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-kuntratt tal-*Public Convenience* kien qed jiġi mġedded bi tlett xhur.

29.3.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li s-sentenza tal-appell sottomess minn Waste Collection dwar it-tender tal-knis ser tinqata' nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2017.

29.3.03 Mill-laqgħa tar-Reġjun Ċentru ħareġ li l-ittri fir-rigward iċ-ċitazzjonijiet li kien hemm pendenti qabel ma bdew ir-reġjuni bdew intbagħtu madwar 6,865, u sal-15 ta' Marzu tħallsu €14,000 li minnhom inqatgħu l-ispejjeż ta' l-avukat.

29.3.04 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li mill-flus li kellu ir-Reġjun, ġie deċiż mir-Regjun li €250,000 jitqassmu bejn il-14 post li jaqgħu

taħt ir-Regjun Ċentru, fejn San Ġiljan ser jingħata l-ammont ta' €82,000 minħabba li ngħataw ammont kbir ta' ċitazzjonijiet fil-lokalita'.

29.3.05 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ltaqa' mas-Sur Mark Scerri Simiana mill-*Malta Tourism Authority* fejn iddiskutew ix-xogħolijiet li hemm bżonn jsiru ġewwa Ġnien Spinola. Is-Sur Scerri Simiana talab l-ammont ta' €500 sabiex ikopri l-ispejjez għaż-żebgħa. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil u ser nipproċedu.

29.3.06 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li saret laqgħa fejn kien preżenti wkoll il-Kunsillier Martin John Sultana fejn ġie diskussa is-sitwazzjoni tal-*One Way* li kienet saret ġewwa Triq Claire E. Engel. Il-Kunsillier Martin John Sultana spjega kemm hi ta' periklu kif qegħda fil-preżent minħabba li qed ikun hemm ħafna inċidenti fosthom kien ser ikun hemm wieħed fatali. Għaldaqstant ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra lit-Transport Malta sabiex parti minn din it-triq tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku u jibdew jidħlu minn Triq ta' Ġiorni.

29.3.07 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ircieva ittra minghand is-Sur Ronald Blake fuq il-problema li qed ikun hemm dwar l-iskart quddiem id-dar tiegħu fi Triq San Mark viċin The Podium. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir *camera* u jitwaħħlu t-tabelli kollha necessarji.

29.3.08 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ser jibdew ix-xogħolijiet min-naħa ta' l-*Malta Tourism Authority* madwar il-*promenade.*

29.3.09 Il-Kunsill ġie nfurmat li min-naħa tar-Reġjun ser ikun hemm ħaddiem li ser ikun misluf għal perjodu lill-Kunsilli li japplikaw, huwa spjega kif din il-persuna ser tkun qed tagħmel xogħolijiet li tingħata mill-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għaldaqstant ser tintbagħat ittra lir-Reġjun Ċentru li l-Kunsill huwa interessat.

29.3.10 Iċ-Ċermen ta spjegazzjoni dwar l-AME, is-Segretarju spjega kif f'dan l-istadju ġiet persuna min-naħa *Risk Asssessment*, fejn ġew identifikati xi misuri li kien hemm bżonn isiru sabiex inkunu konformi mal-*legal notice*.

29.3.11 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li s-Sinjura Maria Brown ser tlaqqa' grupp sabiex isir sturdju fuq is-*Social Impact Assessment* ta' Paceville. Min-naħa taċ-Ċermen għin sabiex jinstab dan il-grupp u ser jiltaqgħu l-*Millenium Chapel*.

29.3.12 *Annual General Meeting* – iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-Minuti tal-laqgħa tal-lokalita' ser jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss.

**29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

29.4.01 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet.

**29.5 Korrispondenza**

**Inc. 667**

29.5.01 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand l-ECAD dwar konferenza li ssir f' Lithuania. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma' jsib l-ebda oġġezzjoni li jmur iċ-Ċermen.

**Inc. 989**

29.5.02 Saret riferenza mingħand il-Viċi-Sindku dwar ''Ġieħ San Ġiljan''. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jiġi propost ukoll is-Sur Chris Delicata.

**Inc. 1419**

29.5.03 Saret riferenza għall-email mingħand Dr. Fortunata Randisi dwar *water distributors*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li sabiex ma jinħoloqx preċident il-Kunsill joġġezzjona għal din il-proposta.

**Inc. 1429**

29.5.04 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-*Interreg Europe Programme* 2014 – 2020. Il-Kunsill ġie nfurmat li f'rigward din il-materja ser japplikaw bħala reġjun.

**Inc. 1451**

29.5.05 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand it-TCTC Malta dwar courses għas-Sajf. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa miegħu.

**Inc. 1583**

29.5.06 Il-Kunsill ġie nfurmat bl-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'linji gwida dwar il-proċess tat-tismija tat-toroq. Din il-laqgha ser issir fit-28 ta' Marzu 2017.

**Inc. 1587**

29.5.07 Saret riferenza għall-email mingħand il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' dwar aċċessibilita' ħdejn il-*Bank of Valletta* tal-Balluta. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li waqt li l-Kunsill jifhem il-pożizzjoni tal-bank, iżda din ma taqax taħt il-kompetenza tal-Kunsill.

**Inc. 1648**

29.5.08 Saret riferenza għall-email mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta dwar tqegħid ta' fjuri ħdejn il-Monument ta' Dr. Ċensu Tabone. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tinkiteb ittra l-iscouts sabiex jieħdu sehem għal waqt din iċ-ċerimonja.

**Inc. 1729**

29.5.09 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Malta Parkinson's Disease Association. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jistax jaghti donazzjonijiet.

**Inc. 1763**

29.5.10 Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Luke Azzopardi biex jiġi organiżżat l-*Earth Hour* ġewwa l-Balluta. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat sabiex jibagħtilna l-informazzjoni neċċessarja ħalli l-Kunsill ikun jista' jtella' l-informazzjoni fuq *Facebook.*

**Inc. 1771**

29.5.11 Saret riferenza għat-talba mingħand Tora Hebnes biex jiġi organiżżat *Clean-Up day* b'kollaborazzjoni ma Gameday Group. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma' jsib l-ebda oġġezzjoni u qiegħed jiġi ssuġġerit li titnaddaf biċċa art li hemm fi Triq Dun Ġużepp Xerri.

**Inc. 1772**

29.5.12 Saret riferenza għall-kwotazzjoni mingħand Smart Light Systems. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jsiru dawk li hemm Ta' Ġiorni.

**Inc. 1785**

29.5.13 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand *Glam Life Group* dwar attivitajiet li jixtiequ li jsiru f' San Ġiljan. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta.

**Inc. 1788**

29.5.14 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur John Camilleri dwar żvillupi fil-lokalita'. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ssir laqgha miegħu.

**Inc. 1791**

29.5.15 Saret riferenza għar-rapport mingħand il-Perit John Schembri dwar l-arkata fi Triq ta' Ġiorni. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tintbaghat ittra lill-*Housing Authority*.

**Inc. 1794**

29.5.16 Saret riferenza għall-email mingħand il-*Bilom Group* biex jitwaħħlu siġar fil-lokalita'. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jeħlu dawn is-siġar.

29.5.17 **Inc.1799**

Saret riferenza għall-ittra mingħand Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar, wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nċemplu lill-koordinatur sabiex tidderiġina hi min-naħa tagħha.

29.5.18 **Inc. 1416**

Saret riferenza ghall-email mingħand is-Sinjura Martha Gauci f'isem Żfin Malta, wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx mal-proposta tagħha.

**29.6 Żvillupp dwar St. Patrick's Day**

29.6.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ftit minuti qabel ma bdiet is-seduta, ġejna notifikati bis-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili dwar l-organizzazjoni ta' St. Patrick's Day. Huwa informa lill-Kunsill b'dak li ġara waqt is-seduta tal-Qorti. (Kopja tas-sentenza hija mehmuża mal-Minuti 'Appendiċi 'A')

29.6.02 Minn dak li infurmana l-Avukat tal-Kunsill, kellhom jiġu irtirati il-permessi li nħarġu lill-*Massive Promotions* kif ukoll dawk li ħarġu f'isem il-*partners* tal-istess aġenzija.

29.6.03 Il-Kunsill iddiskuta jekk għandux ikun hemm extra police, ambulanza , public toilets waqt l-attivita', u tindif extra l-għada tal-attivita' għas-spejjez tal-Kunsill.

29.6.04 Wara diskussjoni ċ-Ċermen ippropona mozzjoni kif ġej : Peress li l-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan kien obbliga lill-*Massive Promotions* li kienet l-uniku entita' li talbet lill-Kunsill biex jorganizza u jikkoordina l-attivita' ta' Jum San Patrizju billi jipprovdi servizzi ta' sigurta', *toilets*, ambulanza u t-tindif kollhu ta' wara u peress illi b'digriet mgħoti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu 2017, il-Kunsill Lokali ġie inibit milli jipproċedi b'tali permessi l-Kunsill Lokali filwaqt li joqgħod għad-deċiżjoni tal-qorti, jiddikjara li mhuwiex f'pożizzjoni finanzjarja li jħallas għall-attivitajiet spontanji u li m'għandux kontroll fuqhom.

29.6.05 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

29.6.06 **Kontra mozzjoni** – il-Kunsillier Martin John Sultana ppropona kontra mozzjoni li tgħid hekk: Il-Kunsill Lokali San Ġiljan huwa obbligat u huwa fid-dmir u fl-obbligu tiegħu li jkun hemm ħarsien u bon ordni waqt l-attivita' imtela' mill-Kunsill Lokali San Ġiljan f' San Patrizju.

29.6.07 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssekondah.

29.6.08 Il-Kunsillier Dott. Albert Buttigieg talab għal vot sigriet fir-rigward iż-żewġ mozzjonijiet. Iċ-Ċermen laqa' din it-talba. Il-kontra mozzjoni m'għaddietx bi tlett voti favur u ħamsa kontra.

29.6.09 Iċ-Ċermen ressaq għal vot il-mozzjoni mressqa miċ-Ċermen u r-riżultat ġie ħamsa favur u tlieta kontra.

29.6.10 Il-mozzjoni għaddiet.

29.6.11 Il-Kunsillier Edgar Montanaro kkjarifika mal-Kunsill il-vot tiegħu fuq l-kontra mozzjoni.

29.6.12 Hawnhekk il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti, u tkompliet fis-7.00p.m.

## 29.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

29.7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara appendiċi 'B')

29.7.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

29.7.03 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg issekondah.

29.7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**29.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' *Purchase Request Sheets***

29.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4157 sa 4167 (Ara appendiċi 'Ċ').

29.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**29.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

29.11.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' April 2017 fl-4.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 24 ta' April 2017